# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-27 ta' Frar 2020**

Appell numru 312 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Louis sive Louie R. Naudi**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-28 ta' Ġunju 2017 fil-konfront ta' Louis sive Louis R. NAUDI, karta tal-identità bin-numru 515455M li ġie mixli f'dawn il-Gżejjer talli fil-31 ta' Diċembru 2002 u fil-ġranet ta' qabel fin-Naxxar, fil-Belt Valletta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda fil-

kapaċita tiegħu ta' Kap Eżekuttiv tal-Malta Agricultural Lobby, ikkommetta (in suċċint) :

(1) truffa ai termini tal-artikolu 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali għad-detriment tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni oħra;
(2) xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz bi ksur tal-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali;
(3) approprijazzjoni indebita ai termini tal-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali a dannu tal-Gvern ta' Malta u diversi persuni oħra.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba biex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija barra milli tinfliġġi l-piena tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti kif ukoll li tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew perifi ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat **mhux ħati** tat-**tielet** imputazzjoni ċjoe dik tar-reat t'appropriazzjoni indebita u illiberatu minnhu; sabitu **ħati** tal-**ewwel** imputazzjoni jiġifieri r-reati ta' truffa u tat-**tieni** imputazzjoniji jiġifieri d-dikjarazzjoni jew stqarrija falza b'mod xjenti u kkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin filwaqt li ordnatlu sabiex iħallas is-somma ta' tlieta u erbgħin elf tlieta u disgħin euro erbgħin ċenteżmi (€43,093.40) lill-Gvern ta' Malta u tliet elef seba' mija u għoxrin Euro (€3720) lil Perfecta Advertising Limited fi żmien sitt xhur; kif ukoll ordnatlu

jħallas is-somma ta' erba' mija tmienja u sebgħin euro disa' w sittin ċenteżmi (€478.69) rappreżentanti l-ispejjeż ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fi żmien sitt xhur u fin-nuqqas ta' ħlas konvertibbli fi priġunerija skont il-Liġi.

3. Illi minn din is-sentenza Louis sive Louie R. NAUDI interpona appell li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi *tikkonferma li mhux hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah mit-tieni u tielet akkuzi u fin-nuqas taghti sentenza aktar ewka u gusta.*[1]

4. Illi matul l-analiżi tal-process minn din il-Qorti irriżulta li din il-kawża kienet l-ewwel ġiet assenjata lil Maġistrat li fil-mori tal-proċeduri ġie elevat għal Imħallef. Sussegwentement il-proċeduri ġew riferiti lil Maġistrat ieħor li eventwalment iddeċidiet il-kawża. Matul il-kors tal-proċeduri din il-Qorti rat li l-Avukat Ġenerali ippreżenta n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju b'riżerva ai termini tal-artikolu 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali tiegħu fis-sittax (16) t'Awissu 2005. Għal xi raġuni din in-nota ma ġiex imdaħla fil-proċess immedjatament wara d-digriet tal-Qorti magħmul ai termini tal-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali tal-14 ta' Lulju 2005 a fol 112. Iżda jirriżulta li dan ir-rinvju għall-ġudizzju ġie inserit a fol 226, immedjatament wara l-verbal tat-tnejn ta' Mejju 2012 meta

[1] Biss f'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati fil-fatt sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni. Ladarba sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni din il-Qorti **ma tistax** tirriforma din is-sentenza billi **tikkonferma** li mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u dan peress huwa instab ħati tal-ewwel imputazzjoni u mhux ġie liberat mill-ewwel imputazzjoni. Inoltre, t-talba għall-assoluzzjoni mit-tieni imputazzjoni hija leġittima in kwantu nstab ħati tagħha. Kwantu għat-talba għall-assoluzzjoni mit-tielet imputazzjoni din, riedet tiġi magħmula bħala konferma tal-assoluzzjoni mit-tielet imputazzjoni stante li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat lill-appellant mhux ħati tagħha.

l-Qorti presjeduta mill-Maġistrat il-ġdid ipproċediet bil-qari tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

5. Issa dak li ħasseb lil din il-Qorti mhux daqstant il-kollokazzjoni tan-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, iżda l-proċedura li ġiet adottata mill-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fir-rigward tal-ordni tal-proċeduri li ġiet segwita. Dan qiegħed jingħad għaliex jirriżulta mill-atti li sas-seduta tat-3 ta' Novembru 2009 (a fol 194) il-Qorti kienet għadha qegħda titratta l-kweżiti tal-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudiżżju tiegħu imsemmi. F'dik is-seduta il-Qorti tal-Maġistrati rat li kien deher l-imputat sprovvist mill-Avukat tiegħu filwaqt li kien deher ukoll l-Uffiċjal Prosekutur. Il-Qorti iddifferiet il-kawża għat-23 ta' Novembru 2009 għall-aħħar darba għall-provi tal-prosekuzzjoni. Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009, deher l-imputat mhux assistit, filwaqt li deher l-Uffiċjal Prosekutur. Il-Qorti semgħet ix-xiehda ta' David Dandria. Wara din ix-xiehda l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha.

6. F'dak il-punt il-Qorti tal-Maġistrati, ġaladarba l-Avukat Ġenerali kien ilu mis-16 t'Awissu 2005 li ħareġ in-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu, hija kellha tipproċedi biex tisma' jekk l-imputat kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja ai termini tal-artikoli 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali. Biss dik il-Qorti ma għamlitx dan u vverbalizzat li kienet qed tiddifferixxi l-kawża għas-17 ta' Frar 2010 fid-09:05 għall-provi tad-Difiża. Bid-dovut rispett il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tipproċedi biex

tiddifferixxi għall-provi tad-Difiża **qabel** ma tkun wetqet il-proċedura stipulata ai termini tal-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

7. Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010 l-imputat ma kienx deher minħabba li kien indispost u l-kawża ġiet differita għall-24 ta' Marzu 2010. Fl-24 ta' Marzu 2010 l-imputat deher sprovvist mill-avukat fil-waqt li deher l-Uffiċjal Prosekutur. Il-Qorti iddifferiet il-kawża għad-29 ta' Marzu 2010 f'12:00 bil-monitu li *jekk ma jingabux provi difiza, il-qorti tghddi ghas-sentenza fuq li hemm*. Bid-dovut rispett lejn dik il-Qorti anke hawn kienet żbaljata in kwantu f'dak l-istadju tal-proċeduri hija ma kienx għad għandha dik is-setgħa in kwantu kienet għadha ma ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-artikoli 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

8. B'rikors datat 25 ta' Marzu 2010 l-Avukat Difensur informa lil Qorti li ma setgħax ikun preżenti in kwantu kien impenjat b'xogħol preċedenti u kellu bżonn aktar żmien biex jeżamina l-atti in kwantu kien hemm diversi xhieda li ried jagħmel il-kontro-eżami tagħhom. B'hekk talab differiment wara t-12 t'April 2010. Fid-29 ta' Marzu 2010, *ironia della sorte*, meta ssejħet il-kawża deher l-Avukat Difensur sprovvist mill-klijent tiegħu. Dan deher aktar tard u l-kawża ġiet differita għat-23 ta' Ġunju 2010 fid-09:05.

9. Fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2010 deher l-imputat appellant assistit mill-Avukat Difensur. Deher ukoll l-Uffiċjal Prosekutur. Il-Qorti, minflok proċediet bil-proċedura ai termini tal-artikoli 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali għaddiet biex tibda tisma' l-kontro-eżami ta'

Philip von Brockdorff. Il-kawża ġiet differita għat-13 t'Ottubru 2010 fid-09:05.

10. Sadattant il-Maġistrat sedenti kien ġie elevat għal Imħallef u l-Maġistrat il-ġdid iddifferiet dik l-udjenza għall-21 ta' Frar 2011. Fil-21 ta' Frar 2011 l-appellant ma deherx u l-Uffiċjal Prosekutur ma kellux referta tiegħu. Il-Qorti iddifferiet il-kawża għall-1 ta' Ġunju 2011 fid-09:00 sabiex *il-partijiet jiddikjaraw jekk hux ser jezentaw lill-Magistrat li qed tippresjedi din il-Qorti milli terga tisma' lix-xhieda kollha li ngabru f'din il-kawza sa llum u jekk ikun il-kaz biex jinqraw l-Artikoli u provi difiza*. Hawnhekk il-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mil-Maġistrat il-ġdid innutat li l-proċedura ai termini tal-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali **kienet għadha ma ġietx imwetqa, minkejja li preċedentement dik il-Qorti presjeduta diversament kienet iddifferiet il-proċedura għall-provi difiża**.

11. Fil-frattemp l-imputat appellant kien iddeċieda li jibdel l-avukat difensur. L-Avukat difensur il-ġdid għamel rikors datat 11 ta' Mejju 2011 fejn, wara li nnota li l-kawża kienet differita għall-provi tad-Difiża (sic!) talab differiment ta' dik l-udjenza. Dik il-Qorti iddekretat li *peress li di il-kawza ilha differita ghall-provi tad-difiza (sic!) mis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 u fi kwalunkwe kaz ghad fadal iktar minn 15 il-gurnata ghas-seduta*, ċaħdet it-talba. Fl-1 ta' Ġunju 2011 deheru l-Uffiċjal Prosekutur u l-imputat appellant. L-Avukat il-ġdid prosepettiv informa lil Qorti li kien għad m'għandux ir-release mill-avukat preċedenti. Il-Qorti għalhekk iddifferiet il-kawża sabiex *il-partijiet jiddikjaraw jekk hux se jezentaw lill-Qorti kif*

*presjeduta milli terga' tisma' l-provi li ngabru sallum il-gurnata u sabiex jinqraw l-Artikoli u provi difiza għall-5 ta' Dicembru 2011 fid-09:00.*

12. Fil-5 ta' Diċembru 2011 l-imputat ma deherx, filwaqt li l-Avukat prospettiv kien bagħat jinforma lil dik il-Qorti li ma setgħax jattendi peress li kien imsiefer. Il-Qorti reġgħet irrilevat li dik il-kawża kienet ilha differita ghad-difiza (sic!) minn Novembru 2009 u kien għadu ma sar xejn. B'hekk proċediet billi ddifferiet il-kawża għat-2 ta' Mejju 2012 sabiex *il-partijiet jiddikjaraw jekk hux se jezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sal lum, sabiex jinqraw l-Artikoli u ghall-ahhar darba provi difiza.*

13. Fit-30 t'April 2012 l-Uffiċjal Prosekutur preżenta rikors fejn informa lil Qorti li minħabba impenji ta' xogħol f'Għawdex ma setgħax ikun preżenti għas-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 u talab differiment għal data oħra.

14. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, kif jirriżulta a fol 224, deher l-imputat appellant assistit mill-Avukat il-ġdid tiegħu. L-Uffiċjal Prosekutur ma deherx. **Ma jirriżultax mill-verbal tal-udjenza li f'din il-kawża il-Prosekuzzjoni kienet rappreżentata almenu minn adett ieħor tal-Kummissarju tal-Pulizija.** Minkejja dan il-kawża ġiet imsejħa u l-Qorti pproċediet bil-kawża nonostante l-assenza ta' Uffiċjal Prosekutur. Matul dik l-udjenza, Dr. Malcolm Mifsud għall-imputat iddikjara li kien qiegħed jeżenta lill-Qorti milli terġa tisma' lix-xiehda prodotti quddiem dik il-Qorti diversament presjeduta.

15. Apparti minn hekk il-Qorti proċediet biex, **fl-assenza tal-Uffiċjal Prosekutur**, twettaq il-proċedura ai termini tal-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali. Biss hija rrilevat li l-Prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha fit-23 ta' Novembru 2009 skont il-verbal a fol 195 u minn dakinhar il-kawża baqgħet differita għall-provi difiża! Inoltre ġie verbalizzat li l-imputat appellant ma kellux oġġezzjoni li l-kawża tinstema' u tiġi deċiża minn dik il-Qorti. Wara li ordnat lill-Uffiċjal Prosekutur u lis-superjur tiegħu jiddikjaraw bil-ġurament in-natura tax-xogħol li huwa kellu dakinhar, iddifferiet il-kawża għat-22 t'Ottubru 2012 fil-11:00.

16. Fit-22 t'Ottubru 2012 il-Qorti semgħet il-provi tad-difiża, konsistenti fid-deposizzjoni tal-imputat appellant. Il-verbal huwa sieket fir-rigward ta' jekk l-Uffiċjal Prosekutur kienx ukoll, bħal ma għamel l-Avukat Difensur fis-seduta preċedenti, qiegħed jeżenta lil dik il-Qorti mill-obbligu ta' smiegħ ta' xiehda oħra kif kien ordnat li jagħmel permezz tal-verbal tal-5 ta' Diċembru 2011.

*Ikkunsidrat : -*

17. Illi l-iter proċedurali f'dan il-każ jirriżulta wieħed travaljat u altalenanti. Din il-Qorti hija mħasba minħabba li d-diversi differiment li l-Qorti kienet kostretta tagħti f'din il-kawża, dovuti għal raġunijiet varji, mhux l-inqas minħabba l-bidla fil-Ġudikant, fl-Avukat Difensur, u xi drabi fl-assenza tal-Uffiċjal Prosekutur jew l-Avukat Difensur, u waslu biex il-proċedura li ġiet segwita ma kienetx tirrifletti dak li jeħtieġ il-Kodiċi Kriminali. Il-proċedura

kriminali għandha tiġi segwita b'mod preċiż u l-Qrati ma jistgħux jiddevjaw minn dawk in-normi ta' proċedura li huma t'ordni pubbliku. Il-preżenza tal-imputat fil-proċeduri kriminali ġiet meqjusa bħala meħtieġa *ad validitatem* kif deċiż minn din il-Qorti fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Gerald Abdilla*** tal-5 ta' Ġunju 1996, ***Il-Pulizija vs. Joseph Busuttil*** tas-26 t'Awissu 2005 u ***Il-Pulizija vs. Paul Polidano et*** tas-26 t'April 2006. Din il-Qorti tqis ukoll li ġaladarba l-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika u tmiss lill-Istat u t-tmexxija tagħha, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati hija fdata fil-Kummissarju tal-Pulizija, aktar u aktar meta dik l-azzjoni tkun qegħda tiġi proferita *ex officio* mill-istess Pulizija Eżekuttiva, il-preżenza ta' rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija hija wkoll ħtieġa t'ordni pubbliku.

18. F'dan il-każ jirriżulta li l-Uffiċjal Prosekutur ma kienx preżenti fi stadju importanti immens ta' din il-proċedura kriminali u ċjoe f'dak il-punt fejn il-Qorti tal-Maġistrati proċediet biex twettaq il-proċedura imsemmija fl-artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali – u allura fejn dik il-Qorti fil-każ li l-imputat jiddikjara li ma jkunx qiegħed isib oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja dik il-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Proċedura kriminali mibdija "*ex officio*" ma tistax titmexxa jekk ma jkunx hemm il-preżenza tal-Uffiċjal Prosekutur li jieħu ħsieb it-tmexxija tagħha – jew almenu rappreżentant jew altern tiegħu. F'dan il-każ ma jirriżultax li l-Uffiċjal Prosekutur kien preżenti – u dan mhux f'xi seduta proċeduralment negliġibbli – iżda f'seduta fejn ġie mwettaq wieħed mill-aktar stadji solenni

kontemplati fil-Kodiċi Kriminali għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

19. Minbarra dan id-difett proċedurali hemm il-kwistjoni l-oħra relattiva għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni relattiva għall-eżenzjoni o meno milli ħtieġa li dik il-Qorti terġa tisma' xhieda li kienu diġa ġew mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati preċedentement. Din hija prassi li ġiet adottata minn diversi Qrati tal-Maġistrati – li tippreżenta forma t'eċċezzjoni għal dak misjub minn ġurisprudenza bħal ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** tad-9 ta' Settembru 1999 fejn kien ġie ritenut is-segwenti : -

> Gara, pero', li qabel ma dik il-qorti, kif presjeduta, ghaddiet ghas-sentenza, il-magistrat sedenti gie mahtur imhallef tal-Qrati Superjuri. Il-kawza li allura kienet ghadha pendenti giet assenjata lill-magistrat iehor. Il-Qorti tal-Magistrati, presjeduta issa minn dan il-magistrat l-iehor, regghet semghet biss -- fis-6 ta' April, 1998 -- sottomissjonijiet finali min-naha tal-ufficjal prosekutur u tal-avukat difensur (jigifieri regghet saret dik li tissejjeh it-trattazzjoni), u fl-1 ta' Gunju, 1998 ippronunzjat is-sentenza taghha. Fi kliem iehor, il-qorti li ppronunzjat is-sentenza qatt ma kienet semghet ix-xhieda jixhdu izda strahet fuq it-traskrizzjoni tad-diversi deposizzjonijiet, <u>inkluza d-deposizzjoni tal-istess imputat</u>. F'dan il-kaz l-ewwel qorti dan ma setghetx taghmlu.
>
> 3. Il-Qorti tal-Magistrati <u>bhala qorti ta' prim istanza</u> kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u *viva voce*" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat <u>li jippronunzja s-sentenza</u> -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-

Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz *prima facie* skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef***, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni.

4. Fil-kaz in dizamina, il-magistrat li ppronunzja s-sentenza ma sema' xejn mill-provi, izda qaghad esklussivament fuq dak li nstema' minn magistrat iehor u gie traskritt. F'dan il-kaz ma kienx hemm il-problema li xi xhieda lehqu mietu jew hallew Malta jew ma setghux jinsabu, f'liema ipotesi wiehed seta' japplika (anke b'analogija ghal dak li jirrigwarda x-xhieda li nsetmghu mill-qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) id-disposizzjoni tal-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646. Fil-kaz in dizamina in-nuqqas tal-magistrat li ppronunzja s-sentenza milli jisma' l-provi *viva voce* jistultifika ir-rwol ta' din il-Qorti (cioe' tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali) bhala qorti ta' revizjoni: meta f'dan il-kaz kollox jiddependi fuq kwistjoni ta' kredibbilita', u specjalment fuq il-kredibbilita' tal-istess imputat, din il-Qorti ma tistax tirrevedi l-operat tal-ewwel qorti biex tara jekk l-apprezzament maghmul minn dik il-qorti kienx wiehed ragjonevoli meta taf li l-gudikant fil-prim istanza qaghad biss fuq dak li kellu miktub quddiemu u li sema' haddiehor!

5. Kif gie osservat minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Helga D'Alessandro***, in-nuqqas tal-gudikant li jisma' l-provi quddiem il-Qorti Inferjuri jammonta ghal aktar minn semplici nuqqas ta' formalita', sostanzjali jew xort'ohra, fis-sens tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali. Tali nuqqas jincidi fuq is-sustanza tal-procedura kollha adoperata mill-ewwel qorti. Minkejja dan, din il-Qorti hi tal-fehma li l-konsegwenza ghandha tkun l-istess bhalma jipprovdi l-imsemmi subartikolu. Tali nuqqas, u l-konsegwenti nullita' tas-sentenza, huma sollevabbli *ex officio* minn din il-Qorti. Pero', biex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant, mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhux ser tisma' hi l-provi mill-gdid fil-meritu, izda ser tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti.

20. Mill-banda l-oħra anke jekk din il-Qorti kellha ssegwi l-posizzjoni prattika bażata fuq l-eżenzjoni tal-partijiet fir-rigward ta' dawk ix-xiehda li jkunu li jridu lil Qorti diversament presjeduta li terġa tisma' mill-ġdid o meno, almenu kellu jkollha l-konfort li kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża jkunu vverbalizzaw il-posizzjoni tagħhom b'mod ċar u inekwivokabbli fl-atti tal-kawża. F'dan il-każ ġara li l-posizzjoni tal-Avukat Difensur ġiet ottjenuta u verbalizzata, filwaqt dik tal-Uffiċjal Prosekutur ma ġietx. Anke fid-dawl ta' dak stabbilit bis-sentenza ***Bartolo*** aktar il-fuq imsemmija, din id-deċiżjoni ma tistax tiġi assunta jew deżunta mill-iskiet ta' xi parti. Trid tirriżulta mill-atti ċar u tond.

21. Illi din il-Qorti tqis li dawn id-difetti proċedurali għandhom effett kumulattiv li jirrendu l-proċedura segwita minn wara l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 jiġifieri dakinhar li l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha il-quddiem bħala nieqsa mis-sikurezza proċedurali meħtieġa fi proċediment kriminali. Dan l-effett kumulattiv jirrendi minn dik il-parti tal-proċedura l-quddiem u l-eventwali sentenza nulla.

## ***Deċide***

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, dil-Qorti qegħda tiddeċiedi billi tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex din tissokta bis-smiegħ tal-kawża sa mill-istadju li kienet waslet fih wara l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 jiġifieri dakinhar li l-

Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni kienet qegħda tagħlaq il-provi tagħha il-quddiem dik il-Qorti, u dan sabiex dik il-Qorti tkompli bil-prosegwiment tal-kawża skont il-Liġi minn dak l-istadju l-quddiem.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***